MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2010

Appell Kriminali Numru. 57/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Emanuel Degiorgio**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Emanuel Degiorgio talli fil-fond “Gerit”, Triq il-Kavallieri ta’ Malta, Marsaskala, nhar-is Sibt 17 ta’ Dicembru 2005 ghall-habta ta’ xid-disgha u nofs ta’ filghaxija:

(1) minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ martu Filippa sive Phyllis Degiorgio minn Marsascala f’periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha taghha, meta hebb ghaliha u taha diversi daqqiet go rasha b’oggett iebes, kif ukoll diversi daqqiet ta’ ponn, fejn

ikkagunalha ferita gravi li gabet sfregju gravi u permanenti fil-wicc taghha skond ma ccertifika Dr. Ian Gauci M.D. mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid;

(2) bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, fixkel lill-istess martu Filippa fil-pussess ta' hwejjigha billi biddel is-serratura tal-bieb ta' barra tad-dar matrimonjali taghhom;

(3) hedded lill-imsemmija martu Filippa bil-mewt;

(4) kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

(5) qal kliem jew espressjonijiet ta' dagha.

Il-Qorti giet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta` ta' l-imsemmija Filippa Degiorgio, jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-istess Emanuel Degiorgio b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-2 ta' Frar 2010, li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Emanuel Degiorgio hati tat-tieni u tar-raba' imputazzjonijiet u lliberatu minnhom, izda sabitu hati ta' l-ewwel, tat-tielet u tal-hames imputazzjonijiet u, wara li rat l-artikoli 214, 216(1)(b), 218(1)(b), 338(bb) u 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali, ikkundannatu ghaxar (10) xhur prigunerija;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Emanuel Degiorgio pprezentat fil-15 ta' Frar 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn gie lliberat mill-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u thassarha u tirrevokaha fejn instabet htija billi tilliberah mill-imputazzjonijiet li huwa nstab hati taghhom;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tax-xhieda; difatti kien hemm konflitt fix-xhieda u mart l-appellant zejnet kemm felhet dwar incident li kien istigat minnha stess; (2) bla pregudizzju ghall-ewwel aggravju, anke jekk din il-Qorti temmen li l-appellant refa’ idejh fuq martu, ghandu jirrizulta li l-offizi li garrbet kienu ta’ natura hafifa u mhux ta’ natura gravi. Inoltre sfregju ma kienx hemm. Barra minn hekk l-offiza hafifa giet kommessa allegatament mill-appellant wara l-provokazzjoni enormi da parti ta’ mart l-appellant, u ghalhekk zgur mhux il-kaz ta’ piena ta’ prigunerija effettiva.

Dawn l-aggravji jirrikjedu apprezzament mill-gdid tal-provi u, kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: The Republic of Malta v. Steven John LewisMarsden, 2 ta’ Novembru 2009; Ir-Repubblika ta’ Malta v. Giosue` Gauci, 28 ta’ Dicembru 2009; Ir-Repubblika ta’ Malta v. Nader Abdulaziz Elgerian et, 28 ta’ Dicembru 2009; Ir-Repubblika ta’ Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta’ Jannar 2009; Ir-Repubblika ta’ Malta v. Paul Hili, 19 ta’ Gunju 2008; Ir-Repubblika ta’ Malta v. Etienne Carter, 14 ta’ Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta’ Malta v. Domenic Briffa, 16 ta’ Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta’ Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta’ Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta’ April 2003, Ir-Repubblika ta’ Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak

Ghalhekk din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi kollha li ngabu quddiem l-ewwel Qorti.

L-ewwelnett jigi osservat illi l-prosekuzzjoni addebitat kontra l-appellant imputazzjonijiet li allegatament sehhew fis-17 ta’ Dicembru 2005. Permezz tat-tielet imputazzjoni gie akkuzat li hedded lil martu bil-mewt. Filwaqt illi Filippa Degiorgio xehdet dwar diversi okkazjonijiet li fihom l-appellant allegatament heddidha, l-okkazjonijiet li semmiet jantecedu d-data tas-17 ta’ Dicembru 2005. La hi u lanqas ix-xhieda l-ohra ma jghidu li f’dik il-gurnata l-appellant qal kliem ta’ theddid fil-konfront ta’ l-istess Filippa Degiorgio. Ghalhekk ma setax jinsab hati ta’din l-imputazzjoni.

Dwar l-ewwel u l-hames imputazzjonijiet, jista’ jinghad illi minn naha hemm ix-xiehda ta’ Filippa Degiorgio, ta’ binha John u dik ta’ Sean Grech, it-tifel ta’ wiehed minn hutha. Mill-banda l-ohra hemm ix-xiehda ta’ l-appellant u ta’ Jacob sive Jimmy Grech, hu Filippa Degiorgio. Nonostante li hemm konflitt bejn il-verzjonijiet moghtija minn naha u minn ohra, ix-xiehda ta’ xhud wiehed biss, jekk emmnut, hija bizzejjed biex tikkostitwixxi prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar[2]. U kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Thorne** tad-9 ta’ Lulju 2003, **“mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f’kaz ta’ konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u**

---

23 ta’ Jannar 2003, Ir-Repubblika ta’ Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta’ Lulju 2002; Ir-Repubblika ta’ Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta’ Marzu 2000, Ir-Repubblika ta’ Malta v. Ivan Gatt, 1 ta’ Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta’ Malta v. George Azzopardi, 14 ta’ Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta’ Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta’ Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta’ April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta’ Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta’ Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta’ Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta’ Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta’ Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta’ Mejju 1991.

[2] Ara artikolu 638(2) tal-Kap. 9.

**f'hiex ser temmnu jew ma temmnux"**[3]. Naturalment l-ewwel Qorti kellha l-opportunita` li tara u tisma' x-xhieda u ghalhekk taghmel tali evalwazzjoni, kif inghad, a bazi ta' l-imsemmi artikolu 637.

Difatti din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkonkludi kif ikkonkludiet dwar il-htija ta' l-appellant fir-rigward ta' l-ewwel u tal-hames imputazzjonijiet. L-appellant jallega li meta martu weggghet hi kienet qabditu minn ghonqu, hu qallha biex ma taghmilx hekk, u waqghu fir-rokna "imbaghad insomma waqfet hi, imbaghad habtet mohhha". Skond Jacob Grech, ohtu Filippa Degiorgio qabdet ittih lill-appellant, hu zammha, hi baqghet tissara waqt li kien qieghed izommha, kien hemm kolonna tac-ceramika b'xi haga fuqha wara Filippa Degiorgio u waqghet u nkisret. Fil-fehma ta' din il-Qorti, meta wiehed iqis in-natura ta' l-offizi li garrbet Filippa Degiorgio kif jirrizultaw mic-certifikat mediku ta' Dr. Ian Gauci u li jidhru fir-ritratti minnha esebiti, l-ewwel Qorti setghet facilment tqis aktar verosimili l-verzjoni ta' Filippa Degiorgio dwar il-manjera li biha saru dawk l-offizi. Per ezempju *lacerocontused wound* fuq mohhha ma tigix ghax habtet rasha mal-hajt – almenu mhux bil-mod kif l-appellant donnu jissuggerixxi bhallikieku habtet mohhha mal-hajt minn jheddha. *Lacerocontused wound* fir-ras u *"black eye"* ma jigux ghax waqa' fuqha l-appellant. Ghalhekk l-ewwel aggravju qieghed jigi michud.

Kwantu ghat-tieni aggravju, hawn ukoll l-appellant m'ghandux ragun. Din il-Qorti kellha l-opportunita` tikkonstata *de visu* l-marka li baqghet fuq mohh Filippa Degiorgio u li certament tikkostitwixxi sfregju ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.
L-appellant jghid ukoll illi kien hemm provokazzjoni da parti ta' martu. L-ewwel Qorti, minghajr ma tirreferi ghal dak li ghamlet mart l-appellant bhala provokazzjoni, effettivament haditu in konsiderazzjoni. Difatti dik il-Qorti qalet illi "hu car li dan l-incident seta' jigi evitat kieku

---

[3] Ara wkoll Appell Kriminali **The Police vs Graham Charles Ducker**, 19 ta' Mejju 1957.

Filippa Degiorgio uzat il-buon sens u ma marritx id-dar bil-lejl u ordnat li l-imputat jitlaq 'il barra dak il-hin stess." Ma' dan din il-Qorti zzid tghid ukoll illi lanqas kellha ghalfejn taqla' d-dawl ta' xi tizjin tal-Milied u tinfexx fir-ritratti tal-grizma tat-tifla. Izda dan ma jiggustifikax il-vjolenza fuq il-persuna.

Kwantu ghall-piena, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi** moghtija fit-30 ta' Lulju 2004 fejn intqal li **"… bhala regola, meta si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna il-piena ghandha tkun dejjem dik ta' prigunerija <u>b'effett immedjat</u>."** Dan il-principju gie ribadit mill-istess Qorti tal-Appell Kriminali (Kollegjali) fis-sentenza taghha **Ir-Repubbkika ta' Malta v. Domenic Bonnici** moghtija fil-11 ta' Novembru 2004 fejn gie ritenut: **"Il-pieni ghandhom l-iskop ukoll li jservu ta' deterrent generali; u l-qrati ta' gustizzja kriminali ghandhom jibghatu messagg car …li l-vjolenza fizika ghandha, bhala regola generali, dejjem iggib maghha il-piena ta' prigunerija b'effett immedjat."** U fejn si tratta ta' vjolenza domestika dan il-messagg irid johrog car.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tielet imputazzjoni u minn dik l-imputazzjoni tilliberah, izda tikkonfermaha fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------